

## 1. IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET TAL-UŻU U S-SERVIZZ TAL-PORTAL TA' SOTTOMISSJONI TAL-ECHA (Verżjoni 4.2 – 27/12/2021)

**JEKK JOGĦĠBOK AQRA T-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET LI ĠEJJIN LI JIRREGOLAW L-UŻU TAL-PORTAL TA' SOTTOMISSJONI TAL-ECHA QABEL TUŻAH. BIEX TAQBEL MAT-TERMINI TAS-SERVIZZ IKKLIKKJA "NAQBEL". JEKK MA TAQBILX MAT-TERMINI TAS-SERVIZZ, IKKLIKKJA "IRRIFJUTA". L-AĊĊESS GĦALL-PORTAL TA' SOTTOMISSJONI TAL-ECHA HUWA SOĖĖTT GĦAL AĊĊETTAZZJONI MINN QABEL TA' DAWN IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET.**

### 1. Definizzjonijiet

- (a) Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor b'mod esplicitu, it-termini użati hawnhekk għandu jkollhom it-tifsiriet li ġejjin:

<b>Aġenzija Responsabbli</b>	tfisser jew l-ECHA jew l-EFSA bħala l-Aġenzija responsabbli skont il-Leġiżlazzjoni Koperta rilevanti għall-ipproċessar tad- <i>Data</i> Regulatorja jew it-tnejn, fejn issir referenza għalihom bħala Aġenziji Responsabbli;
<b>Awtorità Kompetenti</b>	għas-sottomissjonijiet skont l-Artikolu 45 tar-Regolament CLP dan ifisser il-korp li huwa maħtur b'responsabbiltà għall-applikazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolament CLP u l-leġiżlazzjoni relatata. Għas-sottomissjonijiet sottomessi skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD u s-sottomissjonijiet skont Leġiżlazzjoni koperta oħra, dan ifisser kwalunkwe awtorità fil-livell nazzjonali jew tal-UE li jkollha l-kompitu li timplimenta aspetti speċifiċi tal-Leġiżlazzjoni koperta, fejn tkun meħtieġa d- <i>Data</i> Regulatorja;
<b>Data Personali</b>	tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;
<b>Data regulatorja</b>	tfisser kwalunkwe <i>data</i> li tinsab fis-sottomissjoni meħtieġa skont il-Leġiżlazzjoni Koperta, l-informazzjoni jew il-komunikazzjoni sottomessa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-Leġiżlazzjoni Koperta u kwalunkwe leġiżlazzjoni relatata;
<b>Drittijiet Proprjetarji Oħra</b>	tfisser drittijiet għajr drittijiet ta' proprjetà intellettuali, inklużi, iżda mhux limitati għal, drittijiet possibbli għall-użu u d-divulgazzjoni tal-ismijiet ta' persuni u entitajiet ġuridiċi soĖġetti għal-Leġiżlazzjoni Koperta u kwalunkwe leġiżlazzjoni relatata;
<b>ECHA</b>	tfisser l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita f'Helsinki, il-Finlandja fl-2007;
<b>EFSA</b>	tfisser l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel stabbilita f'Parma, l-Italja;
<b>Funzjonalità tal-S2S</b>	tfisser il-funzjonalità tas-sistema għas-sistema (S2S) li tippermetti t-trażmissjoni awtomatizzata diretta tad- <i>Data</i> regulatorja lill-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA minn sistema elettronika/ta' informazzjoni tal-Partijiet bl-użu tal-Interfaċċa dedikata tal-S2S bl-użu tal-Kjavi tal-S2S iġġenerata sabiex tintuża l-funzjonalità;

<b>Funzjonalità tal-utent barrani</b>	Funzjonalità li tippermetti lil rappreżentant ta' parti terza jissottometti <i>Data</i> regolatorja f'isem il-Parti għall-fini tal-issodisfar tal-obbligi regolatorji tal-Parti skont il-Leġiżlazzjoni Koperta;
<b>Interfaċċa S2S</b>	tfisser l-interfaċċa ddedikata li tispeċifika l-forma u r-rekwiżiti li s-Sistema tal-Klijenti trid issegwi biex tiżgura trażmissjoni awtomatizzata tad- <i>Data</i> regolatorja permezz tal-funzjonalità tal-S2S lill-ECHA;
<b>Kjavi tal-S2S</b>	tfisser identifikatur iġġenerat li jippermetti lill-Parti tuża l-Funzjonalità tal-S2S;
<b>Komunikazzjoni</b>	tfisser kwalunkwe dokument li jsir disponibbli għall-Parti f'perjodu ta' żmien definit;
<b>Kont tal-ECHA</b>	tfisser il-pjattaforma online li l-ECHA stabbiliet għall-ħolqien ta' kontijiet tal-utenti individwali, li tippermetti lill-Partijiet joħolqu abbonamenti għas-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-IT tal-ECHA. Fil-kont tal-ECHA, il-Maniġer tal-Entità Ġuridika jista' jagħti u jirrevoka d-drittijiet ta' aċċess għas-servizzi tal-IT tal-ECHA u l-applikazzjonijiet għall-Utenti mill-grupp tiegħu stess;
<b>Kunsens</b>	tfisser kwalunkwe indikazzjoni tax-xewqat tas-Suġġett tad- <i>Data</i> mogħtija b'mod liberu, speċifiku, informat u mhux ambigwu li permezz tagħha hu jew hi, permezz ta' dikjarazzjoni jew permezz ta' azzjoni affermattiva ċara, juri/turi li jaqbel/taqbel mal-ipproċessar ta' <i>data</i> personali relatata miegħu jew magħha;
<b>Leġiżlazzjoni Koperta</b>	tfisser ir-Regolament CLP u speċifikament is-sottomissjonijiet skont l-Artikolu 45 tiegħu, id-WFD u speċifikament is-sottomissjonijiet skont l-Artikolu 9(1)(i) tiegħu u r-Regolament dwar il-PPP;
<b>Parti</b>	tfisser kwalunkwe entità ġuridika li għet iffirmata/irreġistrata fil-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA biex tikseb drittijiet ta' aċċess u titħalla tissottometti <i>data</i> regolatorja u/jew entità li taġixxi f'isem l-entità ġuridika (eż. permezz tal-funzjonalità tal-Utent barrani);
<b>Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA</b>	tfisser is-sistema ċentrali tal-IT li tinkludi l-applikazzjoni web uffiċjali tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA, il-Funzjonalità tal-S2S u s-sit web kif preskritt għas-sottomissjoni tad- <i>data</i> meħtieġa skont il-Leġiżlazzjoni Koperta u għall-aċċess għal kwalunkwe komunikazzjoni relatata ma' tali sottomissjoni. Is-sistema tinfed ir-rekwiżiti tal-Leġiżlazzjoni Koperta u kwalunkwe leġiżlazzjoni relatata;
<b>Regolament CLP</b>	tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlittiet li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
<b>Regolament dwar il-PPP</b>	Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2019/1381;

<b>Sistema tal-Klijenti</b>	tfisser kwalunkwe sistema ta' informazzjoni/elettronika użata minn Parti għas-sottomissjoni awtomatizzata tad-Data Regulatorja permezz tal-funzjonalità tas-sistema għal sistema;
<b>Suġġett tad-Data</b>	tfisser persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;
<b>Termini u Kundizzjonijiet</b>	tfisser dawn it-termini u l-kundizzjonijiet kif emendati minn żmien għal żmien u fis-seħħ;
Utent	tfisser il-persuna/i li l-Parti tkun innominat u awtorizzat li jkollha aċċess għal u tuża l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA;
<b>WFD</b>	Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi.

- (b) L-intestaturi huma għall-faċilità ta' referenza biss u ma jiffurmawx parti minn dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet. Kliem li jindika s-singular jinkludi l-plural u vice versa, kliem li jindika ġeneru wieħed jinkludi l-ġeneri kollha u kliem li jindika persuni jinkludi korporazzjonijiet u vice versa.

## 2. Is-Servizz TAL-PORTAL TA' SOTTOMISSJONI tal-ECHA

Il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jipprovdi lil Parti bi pjattaforma online biex tirrevedi u/jew tissottometti Data regulatorja lill-Aġenzija Responsabbli. Barra minn hekk, il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jservi wkoll bħala l-mezz li bih l-Aġenzija Responsabbli tipprovdi lill-Partijiet bil-possibbiltà li jaċċessaw kwalunkwe Komunikazzjoni relatata mal-użu tagħhom tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u s-sottomissjoni ta' Data regulatorja.

## 3. L-Aċċettazzjoni u r-Rikonoxximent tat-Termini u l-Kundizzjonijiet

- (a) L-aċċess u l-użu tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jingħata lill-Parti soġġetta għal u f'konformità ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (b) Sabiex taċċessa l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA, il-Parti għandha l-ewwel tilloggja fil-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA billi tuża l-ID(s)tal-utent u l-password(s) tal-utent maħluqa fil-Kont tal-ECHA għal applikazzjonijiet u servizzi tal-IT tal-ECHA. L-użu tal-Kont tal-ECHA, sa fejn ikun meħtieġ li jiġu aċċessati s-servizzi pprovduti mill-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA, għandu jitqies bħala li jiffirma parti mill-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u kopert minn dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet. Jekk il-Parti ma jkollhiex ID(s) tal-utent u password(s) tal-utent irreġistrati, il-Parti għandha toħloq kont tal-utent fil-Kont tal-ECHA, li jikkonsisti minn user ID u password tal-utent, u jkollha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.
- (c) Qabel ma jissieħeb fil-Portal tas-Sottomissjoni tal-ECHA, kull Utent irid jaqra u jaqbel ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet billi jikklikkja fuq il-buttuna "Aċċetta" billi juża l-ID tal-utent u l-password tal-utent tiegħu/tagħha. Jekk Parti tinnomina aktar minn Utent wieħed, dan l-obbligu japplika għal kull Utent uniku. L-ECHA tirriżerva d-dritt assolut, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li tvarja dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet bi kwalunkwe mod u fi kwalunkwe ħin, u l-Utenti tal-Parti se jintalbu jaqraw u jaċċettaw it-Termini u l-Kundizzjonijiet emendati mal-ewwel tentattiv tagħhom biex jaċċessaw il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA wara li jkunu saru l-varjazzjonijiet. Billi jaċċessaw u/jew ikomplu jużaw il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA, l-Utenti tal-Parti jaċċettaw b'mod speċifiku dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet kif inhuma varjati.
- (d) Japplikaw dispożizzjonijiet u rekwiżiti addizzjonali marbuta mal-użu tal-funzjonalità tal-S2S u huma indirizzati fit-Taqsima 11 dedikata hawn taħt.

#### 4. Kundizzjonijiet tal-Użu

- (a) Parti hija intitolata tuża l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA bil-għan li tissodisfa u/jew li taċċerta l-impenji legali tagħha jew dawk tal-kumpaniji li tkun qed tirrappreżenta skont il-Leġiżlazzjoni Koperta u kwalunkwe leġiżlazzjoni relatata. Il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA ma jrid jintuża għal ebda skop ieħor.
- (b) Il-Parti taqbel li kwalunkwe Utent li japplika l-ID(s) tal-utente u l-password(s) tal-utente biex jaċċessa l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA ikun qed jaġixxi f'isem il-Parti u jkollu l-awtorità legali li jaġixxi f'isimha. Referenza f'dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet għall-Utenti tal-Parti li jilloggjaw fil-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA, jew li jkomplu jużaw il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jew inkella jaċċessaw il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA, għandha tinkludi kwalunkwe att bħal dan magħmul minn kwalunkwe persuna li tuża l-ID(s) tal-utente u/jew il-password(s) tal-Parti (kemm jekk awtorizzata mill-Parti kif ukoll jekk le).
- (c) Il-Parti taqbel li żżomm id-dettalji tal-Utenti tagħha aġġornati fi kwalunkwe ħin. Għal dan il-għan, l-Aġenzija Responsabbli jistgħu jitolbu lill-Utenti jikkonfermaw id-dettalji tagħhom fuq bażi annwali.

#### 5. Appoġġ Tekniku

- (a) Il-Parti tirrikonoxxi li kwalunkwe funzjoni offruta fi/mill-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA hija soġġetta għat-Taqsima 7 ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (b) Il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jinkludi helpdesk u servizzi ta' appoġġ tekniku. It-talbiet jistgħu jsiru permezz tal-formoli tat-talba għal informazzjoni fuq il-paġna web tal-Aġenzija Responsabbli, fejn għall-ECHA din hija l-paġna ta' kuntatt tal-ECHA u għall-EFSA dan huwa l-Help Desk ([servicedesk@efsa.europa.eu](mailto:servicedesk@efsa.europa.eu)). Kwalunkwe informazzjoni pprovduta mill-ECHA għal skopijiet ta' appoġġ tekniku tista' tintuża biss mill-Parti bl-iskop li jintuża il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u ma tistax tiġi użata għal skopijiet oħra. L-ECHA hija responsabbli biss mill-għoti tal-informazzjoni mitluba f'perjodu ta' żmien raġonevoli, b'kunsiderazzjoni tal-komplessità tal-mistoqsija u/jew tal-informazzjoni mitluba mill-Parti. L-azzjonijiet kollha meħuda mill-ECHA se jitwettqu skont l-informazzjoni mogħtija mill-Parti. Għal dan il-għan, l-ECHA mhi se taċċetta l-ebda responsabbiltà jekk din l-informazzjoni tinkludi żbalji jew ommissjonijiet. Il-Parti hija responsabbli b'mod assolut mid-*data* mogħtija fi kwalunkwe talba għal informazzjoni.
- (c) Skont it-Termini u l-Kundizzjonijiet u soġġett għall-finijiet tagħhom, l-Aġenzija Responsabbli u, fejn previst, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jitħallew jaċċessaw, jirriproduċu, jirrevedu, jużaw, jieħdu estratt, u jaħżnu kwalunkwe informazzjoni sottomessa lill-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA fil-limitazzjonijiet imposti fuqhom mill-Leġiżlazzjoni Koperta u f'konformità ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni. Ħlief għal informazzjoni kunfidenzjali u *Data Personali*, l-Aġenzija Responsabbli u l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom ikunu permessi wkoll jikkwotaw, joħolqu xogħlijiet derivattivi, jippubblikaw jew inkella jagħmlu disponibbli *Data* regolatorja lill-pubbliku f'konformità mad-dmirijiet u l-oġettivi istituzzjonali tagħhom inkluż iżda mhux limitat għal, l-implimentazzjoni tal-Leġiżlazzjoni Koperta u kwalunkwe leġiżlazzjoni relatata.
- (d) Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu (c) hawn fuq, il-Parti taqbel li l-Aġenzija Responsabbli jistgħu, fuq bażi temporanja, jaħżnu u jipproċessaw l-informazzjoni sottomessa mill-Parti. Din l-informazzjoni tista' tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-għoti ta' appoġġ lill-Parti fejn meħtieġ biex issolvi kwalunkwe kwistjoni teknika jew relatata mas-sottomissjoni li tista' ssejtn.
- (e) Speċifikament fir-rigward tad-*Data* regolatorja ppreżentata skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-

WFD, il-Parti tirrikonoxxi li, sakemm ma jkunx iddikjarat speċifikament għall-kuntrarju, din id-*data* se ssir disponibbli għall-pubbliku kif stabbilit fl-Artikolu 9(2) tad-WFD.

- (f) Il-Parti tirrikonoxxi li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni japplika għad-*Data* regolatorja. Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jista' japplika għad-*Data* regolatorja.

## 6. Il-konsenja tad-*Data* Regolatorja u l-Garanziji

- (a) Id-*Data* regolatorja kollha għandha tiġi pprovduta permezz tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA f'format elettroniku mingħajr virus skont il-format u l-proċeduri speċifikati mill-Aġenziji Responsabbli minn żmien għal żmien jew b'tali mod ieħor li jista' jiġi ddeterminat u promulgat mill-Aġenziji Responsabbli minn żmien għal żmien.
- (b) L-Aġenziji Responsabbli u l-Parti jirrikonoxxu li l-Internet huwa, minħabba konġestjoni tat-traffiku imprevedibbli, partijiet terzi malizzjużi u raġunijiet oħra, mezz ta' komunikazzjoni intrinsikament mhux affidabbli u li tali nuqqas ta' affidabbiltà jmur lil hinn mill-kontroll tal-Parti jew tal-Aġenziji Responsabbli. L-Aġenziji Responsabbli u l-Parti jirrikonoxxu li huwa impossibbli li tinżamm sigurtà mingħajr difetti. L-Aġenziji Responsabbli jużaw l-isforzi kollha tagħhom biex jiżguraw li l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jaħdem b'mod korrett. L-Aġenziji Responsabbli m'għandhom ikunu responsabbli għall-ebda aċċess mhux awtorizzat għall-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA minn xi parti terza jew għal fallimenti, żbalji jew dewmien relatati ma' konnessjonijiet tal-Internet tal-Parti.
- (c) Il-Parti tiddikjara, tigarantixxi u timpenja ruħha mal-Aġenziji Responsabbli li:
- (i) kwalunkwe *Data* regolatorja sottomessa minnha tkun vera, aġġornata u preċiża u ma tkunx qarrieqa jew falza;
  - (ii) kwalunkwe *Data* regolatorja sottomessa permezz tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA permezz tal-kont tal-utent tal-Parti għandha titqies li tkun tqiegħdet mill-Parti;
  - (iii) hija s-sid tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali meħtieġa fid-*Data* regolatorja li tkun ippreżentat jew li tkun debitament awtorizzata mis-sid ta' tali drittijiet ta' proprjetà intellettuali li tuża d-*data* regolatorja għall-finijiet li tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Leġiżlazzjoni Koperta.
  - (iv) l-informazzjoni kollha mogħtija permezz tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha biex issir Parti u l-informazzjoni kollha li tista' tingħata sussegwentement għaż-żamma tal-istatus tagħha bħala Parti minn żmien għal żmien hija kompleta, korretta u aġġornata;
  - (v) Ir-reġistrazzjoni tagħha għall-użu tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u l-aċċettazzjoni u t-twettiq tal-obbligi tagħha skont dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet ġew debitament awtorizzati bil-kisba tal-approvazzjonijiet kollha neċessarji korporattivi jew mill-partijiet terzi u ma jiksrux id-dokumenti kostituttivi tal-Parti jew kwalunkwe liġi, regolament jew ftehim vinkolanti ieħor fuq il-Parti;
  - (vi) meta ssir referenza għal *Data* regolatorja diġà ppreżentata minn parti terza għall-finijiet tal-issodisfar tal-obbligi skont il-Leġiżlazzjoni Koperta (eż. notifika/referenzjar simplifikat skont id-WFD), il-Parti tigarantixxi li tkun kisbet il-

permessi kollha meħtieġa biex tirreferi għas-sottomissjoni msemmija u tkun żgurat id-drittijiet kollha meħtieġa tal-proprjetà intellettuali biex tagħmel dan;

- (vii) dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jikkostitwixxu kuntratt legalment vinkolanti u infurzabbli;

u

- (viii) fir-rigward tal-użu mill-Parti tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA, għandha tikkonforma mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha inkluż, mingħajr limitazzjoni, mal-proċeduri u d-direzzjonijiet kollha nnotifikati jew ippubblikati mill-ECHA.

## 7. ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ U LIMITAZZJONI TA' OBBLIGU

- (a) **Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 340 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-UE kif ukoll għall-Artikolu 101 tar-Regolament REACH dwar l-obbligu tal-ECHA u l-Artikolu 47 tar-Regolament KE Nru 178/2002 dwar l-obbligu tal-EFSA.**
- (b) **Il-Parti tirrikonoxxi li kwalunkwe użu ta' jew dipendenza fuq kwalunkwe parti tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA għandha tkun għar-riskju proprju tagħha. Il-Parti tirrikonoxxi wkoll li l-użu tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA huwa pprovdut fuq bażi ta' "AS IS" (kif inhu) u "AS AVAILABLE" (kif disponibbli) u mingħajr garanzija jew kundizzjoni ta' kwalunkwe tip, la espliċita u lanqas implikata.**
- (c) **L-Aġenziji Responsabbli ma jassumu l-ebda responsabbiltà jew obbligu ta' kwalunkwe tip għal kwalunkwe sottomissjoni magħmula permezz tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jew għal Parti li tagħżel li tiddiżattiva fajl. Billi tidħol fuq u/jew tkompli tuża l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u/jew billi tipprovidi lill-Utenti b'passwords li għandhom jintużaw għas-sottomissjoni ta' *Data* regolatorja, il-Parti hija responsabbli bis-sħiħ għad-*data* regolatorja kollha pprovduta permezz tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA. L-Aġenziji Responsabbli ma għandhomx ikunu obbligati jew responsabbli b'mod konġunt jew individwali (kemm jekk b'tort, b'kuntratt jew b'xi mod ieħor) għal kwalunkwe pretensjoni għal kwalunkwe telf jew dannu ta' kwalunkwe tip (kemm jekk dirett jew indirett, inkluż iżda mhux limitat għal telf ta' profitt, telf ta' dħul, telf ta' ffrankar antiċipat jew telf ta' avvjament) ikun xi jkun u kwalunkwe ħaġa li tirriżulta mill-użu ta' jew id-dipendenza fuq il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jew kwalunkwe sistema jew software relatati inkluż kwalunkwe mmaniġġjar ħażin, ommissjoni, nuqqas ta' konsenja, dewmien, użu negliġenti jew mhux awtorizzat tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jew tal-ID(s) tal-utent u l-password(s) tal-utent irreġistrati tal-Parti.**
- (d) **L-Aġenziji Responsabbli ma jaċċettaw l-ebda obbligu jew responsabbiltà ta' kwalunkwe tip għall-preċiżjoni, il-kompletezza jew l-affidabbiltà tal-kontenut jew tal-format ta' kwalunkwe *data* regolatorja fi kwalunkwe ħin qabel jew wara s-sottomissjoni magħmula permezz tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA. Hija r-responsabbiltà unika tal-Parti li tiżgura li d-*Data* regolatorja kollha tkun preċiża u konformi mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli kollha u li tali *data* tkun ġiet approvata għas-sottomissjoni mill-Parti.**
- (e) **Speċifikament fir-rigward tad-*Data* regolatorja sottomessa għall-finijiet tal-Artikolu 45 tar-Regolament CLP, l-ECHA ma taċċetta l-ebda responsabbiltà jew obbligu ta' kwalunkwe tip għall-protezzjoni ta' tali *Data* regolatorja mill-punt li tiġi trażmessa mill-ECHA lill-Awtorità(jiet) Kompetenti rilevanti. L-Artikolu 45 tar-Regolament CLP iqiegħed responsabbiltà sħiħa għall-għoti tal-garanziji kollha għaż-żamma tal-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni fuq l-**

**Awtorità(jiet) Kompetenti tal-Istati Membri.** L-ECHA ma għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu li l-Parti tista' ggarab b'rabta ma' kwalunkwe azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni tal-Awtorità(jiet) Kompetenti.

- (f) **Speċifikament fir-rigward tad-Data** regolatorja sottomessa għall-finijiet tal-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD, il-Parti tirrikonoxxi li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-*data* se ssir disponibbli għall-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 9(2) tad-WFD. Il-Parti tirrikonoxxi li huwa l-uniku obbligu tal-Parti li tiżgura li l-informazzjoni regolatorja sottomessa ma jkun fiha l-ebda informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali. L-ECHA ma għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe telf jew ħsara lill-Parti jew lil kwalunkwe parti terza oħra kkawżata mill-pubblikazzjoni tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 9(2) tad-WFD.
- (g) **L-Aġenziji Responsabbli** ma għandhomx ikunu responsabbli għal kwalunkwe azzjoni meħuda jew għal kwalunkwe nuqqas, tfixkil jew dewmien fit-tweġġiet sħiħ jew parzjali tal-obbligi tagħhom skont dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jekk tali azzjoni, nuqqas, tfixkil jew dewmien jirriżulta minn kawżi li jmorru lil hinn mill-kontroll raġonevoli tal-Aġenziji Responsabbli. Kawżi bħal dawn jistgħu jinkludu, iżda ma għandhomx ikunu limitati għal, atti ta' force majeure, tilwim industrijali, ħsarat mekkaniċi, ħsarat fil-kompjuter jew fis-sistemi jew ħsarat oħra fit-tagħmir, nuqqasijiet jew difetti fis-software tal-kompjuter jew tas-sistema, ħsara lill-kompjuter minħabba rutini ta' programmazzjoni mhux awtorizzati, nuqqas ta' disponibbiltà ta' jew restrizzjonijiet fuq kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni għal kwalunkwe raġuni, interruzzjonijiet tal-provvisti tal-enerġija, kwalunkwe liġi, digriet, regolament jew ordni ta' kwalunkwe gvern, awtorità kompetenti, korp supranazzjonali jew kwalunkwe qorti jew tribunal u kwalunkwe kawża oħra lil hinn mill-kontroll tal-Aġenzija Responsabbli rispettiva.
- (h) **Il-Parti tirrikonoxxi li l-ECHA** ma għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu li l-Parti jew kwalunkwe parti terza oħra jġarrbu minħabba li l-Parti tiddeċiedi li tuża l-funzjonalità ta' "diżattivazzjoni" u tiddiżattiva kwalunkwe *Data* regolatorja sottomessa.
- (i) **Il-Parti taqbel irrevokabbilment u inkondizzjonalment li tiddefendi, tikkompensa b'mod sħiħ u żżomm lill-Aġenziji Responsabbli, flimkien jew individwalment mingħajr dannu minn u kontra l-obbligi, id-danni, il-pretensjonijiet, l-azzjonijiet, u l-ispejjeż kollha (inklużi t-tariffi legali) b'rabta ma' jew li jirriżultaw mir-riċevuta, jew it-trażmissjoni jew il-pubblikazzjoni jew il-ħżin jew il-pussess ta' kwalunkwe *data* tal-PCN permezz tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u/jew il-ksur mill-Parti ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet u/jew l-użu mhux xieraq tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA.**

## **8. Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali u Drittijiet ta' Proprjetà Oħra**

- (a) **Flief għal kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettuali** li l-Parti jista' jkollha fir-rigward ta' kwalunkwe *Data* regolatorja, il-Parti tirrikonoxxi li l-kontenut u l-materjali tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA (inklużi l-organizzazzjoni u l-arranġament tas-sit web) huma l-proprjetà tal-ECHA jew tal-partijiet terzi u d-drittijiet tal-awtur, id-drittijiet tal-bażi tad-*data*, id-drittijiet tal-katalgu u kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettuali ieħor li jinsabu fihom jappartjenu lill-ECHA jew lill-partijiet terzi. Għaldaqstant, id-divulgazzjoni u/jew l-użu ta' tali informazzjoni jistgħu jeħtieġu kunsens minn qabel mis-sid ikkonċernat.
- (b) **Il-Parti tirrikonoxxi li l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u s-sistemi u s-software relatati huma proprjetà tal-ECHA.** Il-Parti m'għandhiex tbaġħbas, timmodifika, tiddekompila, twettaq inġinerija inversa jew tbiddel bi kwalunkwe mod ieħor il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jew kwalunkwe software relatat u l-Parti m'għandhiex tipprova tikseb aċċess mhux awtorizzat għal xi parti tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA. L-ECHA hija intitolata

li tiċħad l-aċċess tal-Parti għall-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA kollha jew parti minnha jekk il-Parti twettaq kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija hawn fuq jew jekk l-ECHA, fi kwalunkwe ħin, tissuspetta b'mod raġonevoli li l-Parti tkun wettqet jew ipprovat twettaq kwalunkwe wieħed minnhom.

## 9. Privatezza

- (a) Il-Parti tagħti l-kunsens tagħha (u tkun kisbet il-Kunsens ta' kull Suġġett tad-*Data*) li d-*Data* Personali pprovduta minnha tista' tiġi pproċessata mill-Aġenzija Responsabbli, istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji oħra tal-UE u l-Korpi Kompetenti għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Leġiżlazzjoni Koperta u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE, u bit-tweqqi tal-obbligi tal-Parti skont dawn il-leġiżlazzjonijiet.
- (b) Il-Parti (u l-Utent(i)) se jintalbu jipprovdu ċerta *Data* Personali bħall-isem, l-indirizz postali, l-email, u kwalunkwe *data* oħra bħall-pajjiż, iż-żona kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba.
- (c) Il-Parti trid tikseb il-Kunsens tas-Suġġett tad-*Data*, jew ikollha raġunijiet legali oħra, qabel ma tippreżenta kwalunkwe *Data* Personali ta' dak is-Suġġett tad-*Data* lill-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA kif deskritt hawn fuq fit-Taqsima 3 ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (d) L-Aġenzija Responsabbli huma impenjati li jiżguraw id-dritt għall-privatezza skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 ("l-EDPR") applikabbli għalihom fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*.  
Għall-politika tal-protezzjoni tad-*data* personali tal-ECHA u aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-Parti għandha tirreferi għall-paġna web tal-ECHA dwar il-protezzjoni ta' *data* personali (<http://echa.europa.eu/about-us/the-way-we-work/personal-data-protection>).  
Għall-politika tal-protezzjoni tad-*data* personali tal-ECHA u aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-Parti għandha tirreferi għall-paġna web tal-ECHA dwar il-protezzjoni ta' *data* personali (<https://www.efsa.europa.eu/en/personal-data-protection>).
- (e) Għall-eżerċitar tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* jew għal kwalunkwe inkjesta ġenerali relatata mal-politika ġenerali dwar il-privatezza, il-Parti (u l-Utent(i)) jistgħu jikkuntattjaw lill-Aġenzija Responsabbli. Għall-ECHA jekk jogħġbok uża l-formoli fuq il-paġna ta' kuntatt tal-ECHA. Għall-ECHA jekk jogħġbok ikkuntattja lill-kontrollur għall-proċess ([DATA.Admin@efsa.europa.eu](mailto:DATA.Admin@efsa.europa.eu)).

## 10. Notifika ta' Komunikazzjoni

- (a) Il-Parti tirrikonoxxi b'mod espliċitu u taqbel li l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u l-Komunikazzjonijiet disponibbli fih huma l-uniku mezz li bih l-Aġenzija Responsabbli se tinnotifikah dwar il-komunikazzjonijiet u r-rapporti tagħha relatati mas-sottomissjoni. Għal dan il-għan, il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA fih paġna speċjali (jiġifieri rapport ta' sottomissjoni) li tista' tiġi aċċessata minn kull Utent, li fiha informazzjoni relatata mas-sottomissjoni u l-ipproċessar tagħha mill-Aġenzija Responsabbli u Komunikazzjonijiet oħra.
- (b) Il-komunikazzjonijiet jaslu meta jiġu aċċessati għall-ewwel darba minn kwalunkwe Utent tal-Parti li lilha jiġu indirizzati.
- (c) Id-*data* tan-notifika tal-Komunikazzjonijiet hija d-*data* meta jsiru disponibbli fil-kontijiet tal-Utent tal-Parti permezz tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA.
- (d) Il-Parti taqbel b'mod espliċitu li r-riċevuta ta' Komunikazzjonijiet se tiġi preżunta sebat ijiem kalendarji wara d-*data* tan-notifika tagħhom jekk l-ebda Utent(i) tiegħu ma jkun aċċessahom sadanittant. Għalhekk, il-Parti taqbel li l-Utent(i) tagħha se jilloggjaw u



jirrevedu kwalunkwe Komunikazzjoni riċevuta fil-kont(ijiet) tagħhom fuq bażi regolari.

- (e) Mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi hawn fuq, l-ECHA tista' timplimenta sistema awtomatizzata ta' twissija bil-posta elettronika li tinnotifika lill-Utenti(i) dwar il-Komunikazzjonijiet notifikati fil-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA. Tali sistema ta' posta elettronika, jekk tiġi implimentata, għandha tkun komplementari għall-proċedura ta' notifika deskritta f'din it-taqsimha u l-Parti għandha fi kwalunkwe każ tkun obbligata li timmonitorja n-notifiki deġlin kif stabbilit hawnhekk.

## 11. Funzjonalità tal-S2S

- (a) Il-Parti tirrikonoxxi u taċċetta li l-użu tal-Funzjonalità tal-S2S jirrikjedi li l-Parti tiġġenera l-Kjavi tal-S2S unika/uniċi tagħha stess. Il-Parti tibqa' responsabbli biss għall-protezzjoni, l-użu, is-sigurtà u l-ġestjoni tal-Kjavi tal-S2S. L-ECHA ma għandhiex tinżamm obbligata jew responsabbli għal kwalunkwe dannu jew inkella l-Parti jew l-affiljati tagħha jistgħu jbatu b'rabta ma' kwalunkwe abbuż jew użu ħażin jew il-Kjavi S2S.
- (b) Il-Parti taċċetta li l-ECHA tista', minn żmien għal żmien, tinvalida l-Kjavi tal-S2S eżistenti, inkluż il-Kjavi tal-S2S iġġenerati mill-Parti u tirrikjedi li l-Parti tiġġenera (a) Kjavi tal-S2S ġdida sabiex tkompli tuża l-Funzjonalità tal-S2S. L-ECHA tista' tinvalida wkoll il-Kjavi tal-S2S tal-Parti, fejn l-ECHA tqis li huwa raġonevolment meħtieġ għall-protezzjoni tal-integrità, is-sigurtà, it-tħaddim jew il-manutenzjoni tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jew kwalunkwe sistema jew software relatat. L-ECHA m'għandhiex tkun responsabbli lejn il-Parti jew kwalunkwe parti terza għal kwalunkwe pretensjoni ta' kwalunkwe tip relatata ma' din it-terminazzjoni, ir-restrizzjoni jew is-sospensjoni tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA.
- (c) Il-Parti taċċetta li huwa l-obbligu tagħha li tiżgura li l-konfigurazzjoni tas-Sistema tal-Klijenti tkun kompletament konformi, aġġornata u kompatibbli ma' kwalunkwe rekwiżit jew speċifikazzjoni bħala parti mill-Interfaċċa tal-S2S u meħtieġa biex tintuża l-Funzjonalità tal-S2S. L-ECHA ma għandhiex tkun responsabbli jew obbligata għal kwalunkwe żball fit-trażmissjonijiet awtomatizzati permezz tal-Funzjonalità tal-S2S minħabba nuqqas ta' konfigurazzjoni korretta u sinkronizzazzjoni tas-Sistema tal-Klijenti.
- (d) L-ECHA tista', minn żmien għal żmien, tbiddel l-Interfaċċa tal-S2S u r-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet relatati. Huwa l-obbligu tal-Parti li tiżgura li s-Sistema tal-Klijenti tkun aġġornata qabel l-użu tal-Funzjonalità tal-S2S. L-ECHA ma għandhiex tinżamm responsabbli u/jew obbligata għal kwalunkwe dannu kkawżat min-nuqqas tal-Parti li tiżgura li s-Sistema tal-Klijenti tkun aġġornata u kompatibbli mal-Interfaċċa tal-S2S.
- (e) Huwa l-obbligu tal-Parti li tivverifika li kwalunkwe *Data* regolatorja trażmessa permezz tal-Funzjonalità tal-S2S ġiet trażmessa b'mod korrett u li s-sottomissjoni tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti legali applikabbli. L-ECHA ma taċċetta l-ebda responsabbiltà u ma għandhiex tinżamm responsabbli għall-ebda dannu kkawżat minn trażmissjoni skorretta ta' kwalunkwe *Data* regolatorja permezz tal-Funzjonalità tal-S2S.
- (f) Il-Parti tirrikonoxxi li l-ECHA tista', jekk ikun meħtieġ, tillimita l-użu tal-Funzjonalità tal-S2S jew tillimita l-veloċità tat-trażmissjoni u/jew l-ammont ta' *Data* regolatorja trażmessa permezz tal-Funzjonalità tal-S2S sabiex tiproteġi t-tħaddim jew l-integrità tas-sistemi tal-IT tagħha, eż. f'każijiet fejn l-użu tal-Funzjonalità tal-S2S qed jikkawża pressjoni fuq is-sistema tal-IT tal-ECHA u/jew fuq ir-riżorsi tal-IT disponibbli.

## 12. Funzjonalitajiet addizzjonali (funzjonalità tal-utenti Barranin, notifika simplifikata, id-diżattivazzjoni ta' *Data* Regolatorja diġà sottomessa)

- (a) Permezz tal-funzjonalità tal-utenti Barranin, il-Portal ta' Sottomissjoni jippermetti lill-

Parti tagħti l-possibbiltà lil entità oħra li tissottometti d-*Data* regolatorja meħtieġa f'isem il-Parti (l-“utent Barrani”). Il-Parti tibqa' unikament responsabbli u obligata għall-konformità tal-utent Barrani ma' dawn it-termini u l-kundizzjonijiet, kif ukoll għal kwalunkwe dannu mġarrab minn kwalunkwe parti terza kkawżat mill-azzjonijiet tal-utent Barrani f'isem il-Parti. L-Aġenziji Responsabbli ma għandhomx jinżammu responsabbli għal kwalunkwe dannu mġarrab mill-Parti jew minn kwalunkwe parti terza oħra kkawżat mill-azzjonijiet tal-utent Barrani f'isem il-Parti.

- (b) Il-Parti tirrikonoxxi li l-garanziji kollha japplikaw għal kwalunkwe *Data* regolatorja sottomessa mill-utent Barrani u kwalunkwe azzjoni li l-utent barrani jeżerċita f'isem il-Parti.
- (c) Il-Parti tirrikonoxxi li huwa l-obbligu tagħha meta tuża l-funzjonalità ta' notifika simplifikata li tiżgura li d-*Data* regolatorja msemmija tkun rilevanti u aġġornata fir-rigward tar-rekwiżiti regolatorji skont il-Leġiżlazzjoni Koperta. Il-Parti tirrikonoxxi li hija r-responsabbiltà unika tagħha li taġġorna d-*Data* regolatorja preċedenti tas-sottomittent jew li tneħħi kwalunkwe referenza li ma għadhiex aġġornata jew li ma għadhiex tikkorrispondi jew tkopri l-obbligi regolatorji imposti fuq il-Parti mil-Leġiżlazzjoni Koperta.
- (d) L-ECHA tinkludi l-possibbiltà li l-Parti “tiddiżattiva” sottomissjoni ta' *Data* regolatorja anke jekk id-*Data* regolatorja tkun diġà ġiet trażmessa lil Awtorità kompetenti. F'każijiet bħal dawn, l-ECHA se tinforma lill-Awtorità(jiet) kompetenti rilevanti li l-Parti indikat li d-*Data* regolatorja sottomessa ma għandhiex titqies għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità regolatorja tal-Parti ma' kwalunkwe obbligu li l-Parti jista' jkollha skont il-Leġiżlazzjoni Koperta.

L-ECHA, lanqas ma tista' titlob li d-*Data* regolatorja “dizabilitata” ma tiġix ikkunsidrata mill-Awtorità(jiet) kompetenti rilevanti jew kif id-*Data* regolatorja se tiġi kkunsidrata aktar minn dawn l-Awtoritajiet Kompetenti skont il-qafas(l-oqfsa) leġiżlattiv(i) nazzjonali applikabbli. L-ECHA lanqas ma tista' tiġġustifika minn liema data l-Awtorità(jiet) Kompetenti tqis kwalunkwe bidla fid-*Data* regolatorja dizabilitata biex tapplika skont il-qafas(l-oqfsa) leġiżlattiv(i) nazzjonali applikabbli. L-ECHA tħeġġeġ bil-qawwa lill-Parti biex tikkuntattja lill-Awtorità(jiet) kompetenti rilevanti u tikkonferma kif beħsiebha tittratta d-*Data* regolatorja “dizabilitata”.

Sabiex tikkonforma mal-obbligi regolatorji tagħha skont il-Leġiżlazzjoni Koperta, il-Parti tista' tkun meħtieġa tissottometti d-*Data* regolatorja meħtieġa mill-ġdid. Id-*Data* regolatorja “dizabilitata” se tibqa' fis-sistema tal-IT tal-ECHA u tkun aċċessibbli għall-Parti u għal kwalunkwe Awtorità Kompetenti rilevanti.

Il-Parti tirrikonoxxi li l-ECHA ma għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu li l-Parti jew kwalunkwe parti terza oħra jbatu minħabba li l-Parti tiddeċiedi li tuża l-funzjonalità ta' “diżattivazzjoni” u tiddiżattiva kwalunkwe *Data* regolatorja sottomessa.

### 13. Modifika, Twaqqif jew Terminazzjoni

- (a) L-ECHA tirriżerva d-dritt li timmodifika jew twaqqaf, temporanjament jew b'mod permanenti, il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA (jew kwalunkwe parti jew karatteristika tagħha) fi kwalunkwe ħin wara notifika minn qabel lill-Parti jekk dan ikun prattikabbli, jew inkella, mingħajr notifika minn qabel jekk din in-notifika ma tkunx prattikabbli. L-ECHA tista' ttemm jew tissospendi l-aċċess tal-Parti għall-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA kollha jew għal parti minnha b'effett minn kwalunkwe ħin li tqis xieraq għal kwalunkwe raġuni inkluż, mingħajr limitazzjoni, il-ksur ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jew kwalunkwe terminu u kundizzjoni oħrajn, kif preskritt mill-ECHA minn żmien għal żmien.
- (b) Meta teżerċita d-diskrezzjoni tagħha skont din it-taqsim, l-ECHA se tqis iċ-ċirkostanzi

rilevanti kollha u kwalunkwe obbligu tal-Parti skont il-Legizlazzjonijiet Koperti u l-leġiżlazzjoni relatata. B'mod partikolari, l-ECHA għandha tkun intitolata, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li tissospendi temporanjament il-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA kollu jew parti minnu sabiex taġġorna jew timmodifika l-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jew kwalunkwe sistema jew software relatati u/jew tirrestrinġi l-aċċess tal-Parti għall-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA u l-użu tiegħu fejn l-ECHA tqis li dan ikun raġonevolment neċessarju għall-operazzjoni jew il-manutenzzjoni tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA jew kwalunkwe sistema jew software relatati. L-ECHA m'għandhiex tkun responsabbli lejn il-Parti jew kwalunkwe parti terza għal kwalunkwe pretensjoni ta' kwalunkwe tip relatata ma' din it-terminazzjoni, ir-restrizzjoni jew is-sospensjoni tal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA.

#### **14. Dispożizzjonijiet Mixxellanji**

- (a) Jekk kwalunkwe dispożizzjoni msemmija hawnhekk tinstab li sa ċertu punt hija invalida jew mhux eżegwibbli, din id-dispożizzjoni se tiġi interpretata, mifhuma u riformata sal-punt raġonevolment meħtieġ biex issir valida, infurzabbli u konsistenti mal-intenzjoni oriġinali tagħha. Kull dispożizzjoni ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet tista' tiġi mifruda mill-oħrajn, u jekk dispożizzjoni waħda jew aktar jiġu ddikjarati invalidi jew mhux infurzabbli, il-kumpliment tad-dispożizzjonijiet ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jibqgħu effettivi u fis-seħħ.
- (b) Dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet mhumiex maħsuba biex imorru kontra xi rekwiżit obbligatorju stabbilit fir-regolamenti obbligatorji applikabbli jew biex jeskludu r-responsabbiltà minn kwistjonijiet, li ma jistgħux jiġu esklużi taħt dawn ir-regolamenti.
- (c) It-Termini u l-Kundizzjonijiet għandhom jiġu rregolati minn u mifhuma b'mod konformi mal-liġijiet tal-Finlandja, minbarra l-għażla tad-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tal-liġi tagħha.
- (d) Kwalunkwe tilwima, kontroversja jew talba li tirriżulta minn jew li hija relatata ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet, jew mal-ksur jew il-validità tagħhom, għandha tiġi solvuta mill-qrati ta' Helsinki, il-Finlandja.